MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 243/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Albert Robert Borg**
**Mario Lapira**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Albert Robert Borg u Mario Lapira talli fis-17 ta' Ottubru 2003 fl-10.14 ta' filghodu go Palm Court Hotel, Tamar Street, Qawra:

(1) Bieghu jew esponew ghall-bejgh bi pregudizzju ghax-xerrej, ikel mahsub ghal konsum mill-bniedem li ma kienx tax-xorta jew kwalita` ta' ikel mitlub mix-xerrej (12-il landa ta' fillets of sardines tal-marka Deli);

(2) Bieghu jew esponew ghall-bejgh ikel ghall-konsum mill-bniedem (12-il landa ta' fillets of sardines tal-marka Deli) li fuq it-tikketta d-data tal-inqas durabilita` kienet imbaghbsa.

Il-Qorti giet mitluba biex barra milli taghti l-piena tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-3 ta' Lulju 2006 li permezz taghha sabet lill-imsemmija Albert Robert Borg u Mario Lapira hatja skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u, wara li rat l-artikolu 17(1) tal-Kap. 449, Regulation 14.4 tal-Avviz Legali 5 tal-2002 Kap. 221, u artikolu 22 tal-Kap. 446, lliberathom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien erba' xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Albert Robert Borg u Mario Lapira pprezentat fl-10 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull htija u piena;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti jirrigwardaw iz-zewg imputazzjonijiet peress illi jsostnu li ma kellhomx jinstabu hatja taghhom.

Dwar l-ewwel imputazzjoni jghidu li "l-ewwel Qorti strahet fuq l-artikoli 2(1) u 2(2) tal-Kap. 449 u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 49 sabiex waslet ghall-htija skond l-artikolu 17(1) tal-Kap. 449". Jissottomettu illi l-Kap. 49 huwa estraneju ghal kollox u ma japplikax.

Huwa minnu li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti rreferiet ghall-artikolu 4(2) tal-Kap. 49, izda huwa wkoll evidenti li dik il-Qorti kienet qed ticcita l-artikolu 4(2) tal-

Kap. 449 u li r-riferenza ghall-Kap. 49 kien biss *lapsus computeris*.

L-appellanti mbaghad isostnu illi sabiex setghet issib il-htija, l-ewwel Qorti kellha tara mhux biss id-definizzjoni ta' bejgh izda wkoll jekk ix-xerrej giex pregudikat. Jghidu li fil-fatt il-prosekuzzjoni ma ppruvatx illi kien hemm tali pregudizzju peress illi dak li rrizulta mill-provi huwa li l-oggetti kienu fuq xkaffa mwarba fl-istore u inoltre lanqas ma kien hemm xerrej. L-artikolu 2 tal-Kap. 449, ikomplu l-appellanti, ma jaghtux definizzjoni ta' xerrej, izda l-artikolu 17(3) jaghmilha cara li biex ikun hemm xerrej dan irid ikun xtara l-oggett. F'dan il-kaz xerrej ma kienx hemm, u lanqas ma gie pruvat li kien hemm xi ikel ippreparat bis-sardin jew li fuq il-menu kien hemm is-sardin. Barra minn hekk, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha li l-appellanti kienu ilhom snin kbar ma jahdmu mas-CP Trading, is-CP Trading kienu ilhom snin twal ibieghu lill-istess lukanda u ghadhom hekk sallum.

Minn ezami li ghamlet din il-Qorti tal-provi effettivament jirrizulta li xerrej ma kienx hemm, li l-laned in kwistjoni kienu mahzuna fl-istore tal-Palm Court Hotel u li Carmel Gauci f'isem is-CP Trading xehed li ilhom snin kbar jissupplixxu l-Palm Court Hotel, inkluz il-laned tas-sardin in kwistjoni.

Issa, l-appellanti gew akkuzati permezz ta' l-ewwel imputazzjoni li huma bieghu jew esponew ghall-bejgh, bi pregudizzju ghax-xerrej, ikel mahsub ghal konsum mill-bniedem li ma kienx tax-xorta jew kwalita` ta' ikel mitlub mix-xerrej, u dan bi ksur tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 449 – ghalkemm dak is-subartikolu ma jitkellimx dwar min "jesponi ghall-bejgh" izda biss dwar min "ibiegh". Difatti l-imsemmi subartikolu jipprovdi testwalment:

**"Ebda persuna ma ghandha tbiegh, bi pregudizzju ghax-xerrej, xi ikel mahsub ghal konsum mill-bniedem li ma jkunx tax-xorta, sustanza jew kwalita` ta' ikel mitlub mix-xerrej."**

L-ewwel Qorti, wara li rreferiet ghall-artikoli 2(2) u 4(2)(3) tal-Kap. 449 ikkonkludiet li in vista tal-fatt li l-laned in kwistjoni nstabu fid-"dry stores" tal-Palm Court Hotel, "jaqghu taht il-klassifikazzjoni ta' bejgh jew esponar ghall-bejgh ta' ikel mahsub ghal konsum mill-bniedem".

Issa, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 tal-Kap. 449 iwessa' s-sinifikat ta' "bejgh" billi jipprovdi kif gej:

**"Ghall-ghanijiet ta' dan l-Att –**

**(a) il-provvista ta' ikel, mod iehor milli permezz ta' bejgh, fil-kors ta' negozju; u**

**(b) kull haga ohra li ssir in konnessjoni ma' ikel u li tkun, minn zmien ghal zmien, specifikata b'regolamenti maghmula taht dan l-Att,**

**ghandha titqies bhala bejgh ta' l-ikel, u referenzi ghal 'xirjiet' u 'xiri' ghandhom jitqiesu skond hekk."**

Fil-kaz odjern, il-paragrafu (a) mhuwiex applikabbli peress hawn si trattava ta' laned mahzunin go store u mhux li b'xi mod gew provvduti lil xi hadd mill-appellanti. Il-paragrafu (b) lanqas ma huwa applikabbli peress illi l-appellanti gew akkuzati permezz ta' l-ewwel imputazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 17(1) u mhux bi ksur ta' xi regolament maghmul taht l-Att XIV tal-2002.

L-ewwel Qorti rreferiet ukoll ghas-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 449. Tajjeb hawn li jigi riprodott l-artikolu shih:

**(1) Ghall-finijiet ta' dan l-Att, kull ikel komunement uzat ghall-konsum mill-bniedem ghandu, jekk jinbiegh jew jigi offrut, muri, jew mizmum ghall-bejgh, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, li nbiegh jew, <u>skond il-kaz</u>, li kien mahsub jew li ghandu jigi mahsub ghall-bejgh, ghall-konsum mill-bniedem;**

**(2) Sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, jitqies li –**

**(a) kull ikel komunement uzat fil-manifattura ta' ikel ghall-konsum mill-bniedem; u**

**(b) kull haga jew sustanza komunement uzata fil-manifattura ta' ikel ghal konsum mill-bniedem,**

**li jkun instab f'post uzat ghall-preparazzjoni, hazna jew bejgh ta' dak l-ikel jitqies li kien mahsub ghall-bejgh, jew ghall-manifattura ta' ikel ghall-bejgh, ghall-konsum mill-bniedem.**

**(3) Kull haga jew sustanza li tista' tintuza fil-kompozizzjoni jew fil-preparazzjoni ta' ikel li hu komunement uzat ghall-konsum mill-bniedem li tinstab f'post li fih dak l-oggett jigi preparat ghandhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, titqies li hi mahsuba biex tintuza ghal hekk"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan l-artikolu mela qieghed jaghmel distinzjoni bejn li oggett "jinbiegh" u li oggett ikun "mahsub biex jinbiegh" u mhuwiex qieghed jipprovdi li oggett "mahsub ghall-bejgh" ghandu jitqies bhala li "nbiegh" jew li huwa "bejgh". Minn ezami ta' l-Att XIV ta' l-2002 jirrizulta li fejn il-legislatur ried jikkriminalizza certu agir dwar ikel "mahsub ghall-bejgh", ipprovda hekk, bhal per ezempju fl-artikolu 12(1) dwar ikel imgieghel isir ta' hsara ghas-sahha. Fejn imbaghad ried jikkriminalizza kull tip ta' agir, bhal fil-kaz ta' ikel li ma jharisx il-htigiet ta' sigurta`, elenka dak l-agir – e.g. artikolu 14 tal-Kap. 449 li jipprojbixxi lil kull persuna li, *inter alia*, "tbiegh, toffri, tesponi jew tirreklama ghall-bejgh, jew ikollha fil-pussess taghha ghall-bejgh jew ghall-preparazzjoni tal-bejgh ghall-konsum mill-bniedem" xi ikel li ma jharisx il-htigiet ta' sigurta` ta' ikel. Konsegwentement il-kelma "tbiegh" fl-artikolu 17(1) tal-Kap. 449 ma tistax tigi interpretata ukoll bhala li persuna jkollha fil-pussess taghha jew mahzuna ghandha ikel "mahsub ghall-bejgh". L-appellanti setghu gew akkuzati taht xi provvedimenti ohra tal-Kap. 449 izda mhux taht l-artikolu 17(1) ta' dik il-ligi. Ghalhekk l-ewwel aggravju ser jigi milqugh.

Dwar it-tieni imputazzjoni l-appellanti jghidu li hija nulla peress illi taht il-Kap. 449 ma tezistix u inoltre fis-sentenza appellata ma tinkwadrax. Huma kellhom dritt ikunu jafu taht liema artikolu fil-ligi qed jigu akkuzati [*recte:* instabu hatja].

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghar-regolament 14.4 ta' l-Avviz Legali 5 tas-sena 2002. Irreferiet ukoll f'dar-rigward ghall-Kap. 221 meta kellha tirreferi ghall-Kap. 231, izda dan kien carament *lapsus computeris* iehor. Issa, ghalkemm ir-regolamenti in kwistjoni saru bis-sahha tal-poteri moghtija lill-Ministru responsabbli taht il-Kap. 231, l-artikolu 52 tal-Kap. 449 jaghmel dawk ir-regolamenti applikabbli taht l-imsemmi Kap. 449:

**"52. (1) Kull regolament jew ordni maghmula, jew kull licenza moghtija, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Hwejjeg ta' l-Ikel, Medicinali u Ilma tax-Xorb qabel it-thassir tieghu b'dan l-Att, ghandhom, sakemm ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtu, jibqghu jsehhu u jkollhom effett bhallikieku kienu saru jew gew moghtija taht id-disposizzjonijiet relativi ta' dan l-Att."**

L-appellanti pero` jkomplu jghidu li l-argumenti li saru fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni japplikaw ukoll ghat-tieni imputazzjoni. Isostnu wkoll illi s-sanita` kellha tiehu proceduri mhux kontra taghhom izda kontra min hareg ic-certifikat li s-sardin kien tajjeb ghas-sahha u ma ghandhomx data skaduta jew imbaghbsa. Jghidu li anke mil-laned stess huwa umanament impossibbli ghalihom li seta' biss jghaddilhom minn mohhhom li d-data ta' l-iskadenza ma kinitx wahda veritjera, u dan meta kienu ilhom snin twal jixtru minghand l-istess importatur.

Ir-regolament imsemmi jipprovdi dwar kif ghandhom ikunu l-partikolaritajiet imsemmija fir-regolamenti 5.1 u 6.2 ta' l-istess Avviz Legali. Huwa rilevanti mbaghad l-artikolu 18 tal-Kap. 449 li jipprovdi dwar it-tikkettjar u reklamar ta' ikel. Dan l-artikolu pero` jitkellem dwar min ibiegh, joffri, juri jew

ikollu fil-pussess tieghu ikel b'tikketta u dwar min jirreklama jew jghin fir-reklamar li tiddeskrivi l-ikel b'mod falz jew li x'aktarx tqarraq dwar ix-xorta, sustanza jew kwalita` ta' l-ikel. Il-prosekuzzjoni llimitat ruhha biex takkuza lill-appellanti li bieghu jew esponew ghall-bejgh il-laned in kwistjoni meta huma ma kienu ghamlu l-ebda wiehed minn dawk l-atti. Anzi dak li jirrizulta huwa li huma kienu xtraw l-imsemmijin laned bhalma kienu u baqghu jixtru diversi oggetti minghand id-ditta importatrici CP Trading u dawn kienu mahzunin fl-istores taghhom. Carmel Gauci stess ikkonferma dan u sahansitra stqarr li kien biegh dawn il-laned lill-appellanti fl-istess kundizzjoni kif huwa rcevihom minn barra. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk anke it-tieni aggravju sejjer jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti u b'hekk tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija. Pero` tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-laned tas-sardin esebiti b'opera tar-Registratur sakemm l-Avukat Generali ma jiddikjarax permezz ta' nota pprezentata fi zmien hmistax-il gurnata millum li huma mehtiega fi proceduri kontra terzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------